# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 33**

29 ta' Mejju 2017

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

SKUŻATI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |

**M I N U T I**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet il-laqgħa.

## 33.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

33.1.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili qrat l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier AGS. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-Kunsillier AGS għandu jiġi skużat.

## 33.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

33.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tnejn u tletin (32) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

33.2.1.1. Il-Kunsillier AD ressaq mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (AD, JAE, DSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

33.2.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 32.2.3 u staqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar il-proġett ta' Taħt il-Forka. Is-Sindku DSH wiegbet li ma kien hemm l-ebda risposta.

33.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 32.2.4 u staqsa jekk kienx hemmx xi żvilupp dwar Jubilee Grove. Is-Sindku DSH wiegbet li ma kien hemm l-ebda risposta. Il-Kunsillier JAE fakkar biex tintbagħtlu kopja tal-korrispondenza mibgħuta lill-Ministru Jose Herrera.

33.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 32.14.5 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar is-sitwazzjoni tal-coaches madwar Pjazza San Publju. Is-Sindku DSH qalet li kienet tkellmet mal-GHRC li għandhom jitkellmu max-xufiera. Is-SE qalet li sa dakinhar stess kienet għadha kif inġibditilha l-attenzjoni għall-ħmieġ uman li qed iħallu kull darba. Is-Sindku DSH ipproponiet li l-Kunsill jerġa' javviċinahom il-ġimgħa ta' wara.

## 33.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

### 33.3.1. Xogħol fuq Zebra Crossings minn MAPFRE

Is-Sindku informat lill-Kunsill li l-MAPFRE kienu għamlu z-zebra crossings hekk kif kien gie diskuss preċedentement. Ghalhekk hi issuġġeriet li l-Kunsill jibgħat ittra ta' ringrazzjament lill-kumpanija tal-għajnuna tagħha. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

Il-Kunsillier AD saqsa jekk iż-zebra crossing ta' ħdejn il-Biskuttin taqax taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill. Is-Sindku DSH qalet li din kienet saret b'mod temporanju sakemm jitlesta x-xogħol fi Vjal ir-Re Dwardu VII.

### 33.3.2. Fondi Distribwiti mil-LESA

Is-Sindku DSH informat li l-LESA kienet ippreżentat lill-Kunsill b'ċekk ta' €15648.13 li kienu parti mill-flus miġbura miċ-ċitazzjonijiet. Hija żiedet tgħid ukoll li r-Reġjun Xlokk kien irċieva wkoll xi fondi.

Il-Viċi Sindku VB saqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva xi flus oħra min-naħa tal-LESA. Is-Sindku wiegbet li sa dakinhar il-Kunsill kien irċieva biss dawn il-fondi.

33.3.3. **FONDI TAL-UIF**

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-fondi tal-UIF li kienu telgħu għal €279,409.42. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill juża dawn il-fondi fuq xi proġetti li jibbenefikaw lil-lokalita' bħalma huma manutenzjoni u rinovar tal-bandli. Hija żiedet tipproponi li dawn il-fondi jintużaw sabiex titranġa s-sitwazzjoni tad-dawl fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Hija pproponiet li l-Kunsill jibda' d-diskussjonijiet mal-Perit tal-Kunsill sabiex jibdew jintużaw dawn il-fondi.

Is-Sindku DSH ipproponiet ukoll li l-Kunsill jikkunsidra li jagħmel bandla għal persuni b'diżabilità.

33.3.4. **SERVIZZ TA' *PIGEON CULLING***

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza minghand Lawrence Formosa fejn ta rendikont ta' kemm-il ħamiema kienet inqabdet matul l-aħħar term. Huwa offra lill-Kunsill jekk hux interessat ikompli bis-servizz tiegħu għal staġun ieħor.

Is-Sindku DSH qalet li l-uffiċċju tal-Financial Arbitror kien interessat jipparteċipa f'dan il-programm u offrew li jiffinanzjaw parti mis-servizz. Il-Kunsill qabel li jerġa' jġedded dan is-servizz filwaqt li jilqa' t-talba tal-Financial Arbitror.

33.3.5. **TALBA MILL-KLABB TAL-BOĊĊI TAL-FLORIANA**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Boċċi Club fejn offrew lill-Kunsill sabiex b'mod konġunt, issir manutenzjoni ta' parti mill-ġnien li hemm fil-madwar. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' magħhom sabiex jiddiskuti din l-offerta'.

33.3.6. **SKEMA TA' ATTIVITAJIET KULTURALI**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien laqa' l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex jiffinanzja parti mill-attività ta' Ġenna ta' Ġonna, sal-ammont massimu ta' €7000.

33.3.7. **PARK N' RIDE**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bir-risposta mibgħuta mis-Sur Ivan Pierre Vella f'isem Transport Malta fejn informa lill-Kunsill li l-Park n' Ride kien diġà *full-up* matul il-ġimgħa u għalhekk ma jaqbilx li l-Park n' Ride għandu jkun promoss iktar minħabba li dan kien ser iżid frustrazzjoni lil min jużah.

33.3.8. **TALBA MINGHAND IL-FLORIANA FC**

Is-Sindku DSH qalet li l-Floriana FC kienu qed jitolbu permess sabiex tinżamm attività nhar il-Ġimgħa 2 ta' Ġunju 2017 għaċ-ċelebrazzjoni tar-rebħ tat-Trophy fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V jew fi Ġnien Sir Luigi Preziosi. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjonijiet tas-soltu kif ukoll bil-kundizzjoni li jsir it-tindif kollu neċessarju wara l-attività. Il-gabbana m'għandhiex tiġi użata.

33.3.9. **TALBA MINGHAND SONS OF ARCHERY**

Il-Kunsillier JAE informa li kien ikkomunika ma' Sons of Archery u kienet ser tinżamm laqgħa nhar id- 9 ta' Ġunju 2017.

**33.4 RAPPORTI**

30.4.1 Il-Viċi Sindku VB informa li kien attenda għal-laqgħa li saret mis-Segretarju Parlamentari tal-Kunsilli Lokali fl-Isla fejn ġew ippreżentati fondi għar-road surfacing. Ghalhekk, il-Viċi Sindku VB ippropona li l-Kunsill jara x'fondi hemm *available* sabiex il-Kunsill ikun jista' jibbenefika minn dawn il-fondi.

30.4.2 Il-Viċi Sindku VB issuġġerixxa wkoll li tintalab l-għajnuna tar-Reġjun Xlokk sabiex jgħin lill-Kunsill biex isir lift fid-Dar tal-Kunsill. Huwa qal li dan il-lift kien bżonn sabiex l-anzjani u l-persuni bi bżonnijiet speċjali jkollhom aċċess għas-sular ta' fuq tad-Dar tal-Kunsill.

**33.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

33.5.1. Il-Kunsillier AD saqsa jekk il-Kunsill kienx oġġezzjona għal xi applikazzjoni biex titwaqqa' kamra u terġa' tinbena. Is-Sindku DSH qalet li personalment qatt ma kienet oġġezzjonat għal xi applikazzjoni simili. Hija żiedet tgħid li minkejja dan, tali applikazzjonijiet jiġu amministrati minn kumpanija mqabbda mill-Kunsill stess li kienet tivvetja u tressaq oġġezzjoni jekk l-applikazzjonijiet imorru kontra r-regoli tal-Grand Harbour Regeneration.

33.5.2. Il-Kunsillier JAE saqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar id-dwal ta' maġenb Ġnien Vilhena. Is-Sindku DSH qalet li s'issa ma kienx hemm risposta minħabba li d-devoluzzjoni tal-art trid titressaq quddiem il-Parlament li bħalissa kien xolt.

**33.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI;**

33.6.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

**33.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

33.7.1. Is-Sindku DSH ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 27/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

33.7.1.1. Il-Kunsillier JAE iddikjara li kien ser jastjeni minn pagament nru 14164 dovut lil Jean Claude Vella.

33.7.1.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u ssekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

**33.8 MOZZJONIJIET;**

33.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet.

**33.9 OFFERTI PUBBLIĊI;**

33.9.1. Il-Kunsilll iddiskuta punti legali dwar l-ilment imressaq rigward l-espressjoni t'interess tal-gabbana taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

33.9.2. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li s-sejħa għall-offerti ghat-tindif tat-toroq kienet għalqet. Hija qalet li minħabba li s-SE ser tkun indisposta, kien hemm bżonn li jsir xi tibdil fil-membri tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Hija pproponiet li jinħatar is-Sur Svetlick Flores bħala segretarju tal-Bord waqt li s-Sur Ramon Deguara għandu jinħatara bħala espert fl-aġġudikazzjoni. Il-Kunsill qabel.

33.9.3. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti għal servizzi legali u nformat li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni ta' din is-sejħa kien iltaqa' u ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu. Il-Kunsill approva b'mod unanimu ir-rakkomandazzjoni u r-rapport imressaq mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

## 33.10 Korrispondenza

### 33.10.1. Stima għal bankijiet

Is-SE informat lill-Kunsill li kienu nġiebu kwotazzjonijiet għal bankijiet kemm bl-idejn kif ukoll mingħajr. Il-Kunsill qabel li għandu jordna bankijiet bl-*armrests*.

### 33.10.2. Stima għall-mobile toilets għal Taħt il-Forka

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-mobile toilets ta' Taħt il-Forka u qalet li l-Kunsill kien għadu qed jistenna il-kwotazzjonijiet.

### 33.10.3. Stima għal Cat Cafés

Is-Sindku DSH qalet li kienu ntalbu kwotazzjonijiet għal cat cafés. Is-Sindku żiedet tgħid li l-Kunsill kien għadu qed jistenna risposta minghand is-*supplier* biex jara kif ser ikunu.

### 33.10.4. Local Government Project

Is-Sindku DSH talbet lill-Kunsillier AD sabiex jispjega x'kien intqal fil-laqgħa li kien attenda. Il-Kunsillier AD qal li kien hemm fond għal Local Government Project fejn il-Kunsill seta' jissuġġerixxi proġetti li jippromwovu l-inklużjoni u l-ambjent u li jsiru b'mod konġunt mar-Reġjun Xlokk. Il-Kunsillier AD qal li l-Kunsill kellu ċans sal-ahhar t'Awwissu sabiex iressaq il-proposti tiegħu.

### 33.10.5. Attività konġunta ma' Fondazzjoni Flimkien għal Ambjent Aħjar

Is-Sindku DSH ressqet offerta' mill-Fondazzjoni Flimkien għal Ambjent Aħjar fejn informaw li ser jorganizzaw *photo exhibition* u kompetizzjoni u offrew lill-Kunsill sabiex l-attività tittella' b'mod konġunt u tinżamm fid-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jorganizza din l-attività b'mod konġunt magħhom.

### 33.10.6. Parkegg riservat għall-kleru

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-proposta ta' parkeġġ riservat għall-Arċipriet tal-lokal. Hija għamlet riferenza għall-korrispondenza mibgħuta mil-LESA f'dan ir-rigward fejn pproponew li t-talba tiġi aċċettata. Wara diskussjoni, il-Kunsill ma qabilx li għandu jilqa' din il-proposta.

**33.11 MANAGEMENT LETTER – 2016**

33.11.1. Is-Sindku DSH ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-abbozz tar-risposta tal-Kunsill għall-Ittra tal-Awdituri. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB favur l-approvazzjoni tar-risposta għall-ittra tal-Awditur, issekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot bir-riżultat ikun favur b'mod unanimu.

**33.12 ISLE OF MTV**

33.12.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-kunċert tal-Isle of MTV u nformat lill-Kunsill li kienet ġiet imsejjħa laqgħa dwar il-bars tal-lokalita' nhar it-12 ta' Ġunju 2017. Hija żiedet tgħid ukoll li l-Kunsill kien mistieden għal laqgħa oħra organizzata mill-MTA nhar id-9 ta' Ġunju 2017.

33.12.2. Is-Sindku DSH informat li l-laqgħa li ser tinżamm fit-12 ta' Ġunju kienet ser tkun mal-organizzaturi u l-Pulizija filwaqt li l-propjetarji tal-bars ser ikunu mistiedna jipparteċipaw fl-aħħar parti ta' din l-istess laqgħa.

**Nota: 17:55 Is-Sindku talbet li tkun skużata.**
**Il-Viċi Sindku VB ippreseda l-laqgħa.**

**33.13 ĠENNA TA' ĠONNA**

33.13.1. Il-Kunsillier JAE saqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-gwidi għal din l-attività. Is-SE qalet li l-uffiċċju amministrattiv kien ser jaħdem fuq dan fiż-żmien li ġej minħabba li dik il-ġimgħa kien impenjat fuq attivitajiet oħra. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill jiċċekkja ma' xi għaqdiet fil-Floriana li jistgħu jipprovdu gwidi.

33.13.2. Il-Kunsillier JAE ippropona li tinżamm laqgħa mal-għaqdiet lokali kollha involuti lejn l-aħħar ta' Ġunju sabiex jiġu diskussi d-dettalji magħhom. Il-Kunsill approva.

33.13.3. Il-Viċi Sindku VB talab li dak kollu li jiġi approvat jew ikun ser jinvolvi infiq ta' flus għandha tgħaddi quddiem il-Kunsill matul il-laqgħa jew permezz ta' memo interna. Is-SE fakkret fil-bżonn li jintalbu kwotazzjonijiet għal kull servizz qabel ma jiġi ordnat.

**33.14 KUNĊERT TA' JOSEPH CALLEJA**

33.14.1. Il-Viċi Sindku VB qal li kien hemm talba biex tinżamm edizzjoni oħra tal-kunċert ta' Joseph Calleja nhar id-19 t'Awwissu 2017. Il-Kunsill laqa' t-talba bil-kundizzjonijiet tas-soltu u qabel ukoll li għandu jiġbed l-attenzjoni biex is-sound checks isiru b'mod responsabbli. Il-Viċi Sindku VB ippropona li l-Kunsill jikkomunika mal-organizzatur sabiex jingħataw biżżejjed biljetti għall-istaff u l-kunsillieri.

**33.15 *DISABLED PARKING* FI TRIQ IL-MALL**

33.15.1. Il-Viċi Sindku VB ressaq korrispondenza rigward parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità fi Triq il-Mall. Huwa qal li dan l-ispazju ta' parkegg kien sar b'mod ġenerali u mhux biex jintuża minn individwu wieħed biss u għalhekk seta' jintuża minn kull min għandu l-*blue badge*.

33.15.2. Il-Viċi Sindku VB qal li skont ir-rapport imressaq, dan l-ispazju ta' parkeġġ kien qed jintuża minn vetturi li ma kellhomx *blue badge* u għalhekk ippropona li jingħataw struzzjonijiet lill-gwardjani lokali sabiex iħarrku lil kull min jipparkja fuq dan il-parkegg riservat u ma jkollux il-*blue badge.* Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-gwardjani lokali b'dan.

33.15.3. Il-Viċi Sindku VB ippropona li jitneħħa il-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità li hemm fi Triq Vincenzo Dimech minħabba li l-applikant ma kienx ghand għandu bżonnu. Il-Kunsill qabel li dan għandu jitneħħa ladarba m'għadux jintuża.

**33.16 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

33.16.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 22 ta' Ġunju 2017 fis-2.00 pm.

**Konfermati llum 22 ta' Ġunju 2017.**

| | |
|---|---|
| Firmati | Firmati |
| Davina Sammut Hili | M'Lourdes Lautier |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |